

POŻIZZJONI VAKANTI

Speċjalist tal-Avvenimenti u tal-Ivvjaġġar

Unità: Servizzi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi

Referenza: ECDC/FGIII/2023/RMS-ETS

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta żewġ persuni għall-pożizzjoni vakanti msemija hawn fuq.

L-Ispeċjalist tal-Avvenimenti u tal-Ivvjaġġar jikkontribwixxi għat-twettiq tal-obiettivi tal-Missjonijiet u l-Laqqgħat biex jipprovdi soluzzjonijiet orjentati lejn il-klijent u kultura ta' prestazzjoni għolja li tenfasizza l-effiċjenza, il-kwalità, il-produttività u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

L-Ispeċjalist tal-Avvenimenti u tal-Ivvjaġġar jipprovdi servizzi u jimplimenta linji gwida u standards skont il-proċeduri u r-regolamenti applikabbli.

Id-detentur tal-impjieg se jirrapporta għand il-Mexxej tal-Grupp tal-Missjonijiet u tal-Laqqgħat.

L-Ispeċjalist tal-Avvenimenti u tal-Ivvjaġġar se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Il-forniment ta' servizz lill-persunal tal-ECDC u lid-delegati tal-laqqgħat fl-arranġamenti tal-ivvjaġġar u tal-lukandi tagħhom;
- Il-kollegament mal-unitajiet operazzjonali u ta' appoġġ fl-iżvilupp u t-tlestija ta' kunċetti, prerekwiżiti u rekwiżiti għal missjonijiet u laqqgħat;
- Il-gwida u l-appoġġ dwar il-flussi tax-xogħol u l-proċeduri dwar il-missjonijiet u l-laqqgħat;
- Il-pariri u l-appoġġ dwar linji gwida u regoli dwar arranġamenti tal-ivvjaġġar;
- L-ipproċessar ta' talbiet għall-ivvjaġġar u ordnijiet ta' missjonijiet;
- L-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda jew bidliet fis-sistemi tal-IT eżistenti billi jiġu definiti u ttestjati r-rekwiżiti;

- Il-verifika tal-fatturi;
- L-abbozzar tar-rapporti;
- Il-kollaborazzjoni mal-fornituri tal-ECDC;
- Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u dik finanzjarja fis-sistemi tal-monitoraġġ tal-ECDC;
- L-iffajljar u l-arkivjar fis-sistema ta' ffajljar tal-Missjonijiet u tal-Laqqgħat;
- L-assistenza fl-iżgurar ta' operazzjoni effiċjenti ta' kuljum tal-uffiċċju tal-Missjonijiet u tal-Laqqgħat;
- Kwalunkwe komputu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu/tagħha kif mitlub jew kif assenjat mill-Mexxej tal-Grupp, il-Kap tat-Taqsima jew il-Kap tal-Unità.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Edukazzjoni postsekondarja attestata b'diploma, jew edukazzjoni sekondarja attestata b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja u esperjenza professjonali xierqa ta' tliet snin¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tiegħek²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Li tkun fiżikament f'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tas-selezzjoni

Sabiex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin, (wara l-għoti tad-diploma), ta' esperjenza professjonali miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg, preferibbilment fil-qasam multikulturali;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin minn awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

² Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

³ Qabel il-ħatra, il-kandidati magħżula se jintalbu jipprovdu ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juru li ma għandhomx kondotta kriminali.

- Esperjenza fl-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar għan-negozju u/jew fl-appoġġ għall-ippjanar ta' avvenimenti;
- Esperjenza fil-kollegament ma' fornituri esterni tas-servizzi;
- Esperjenza ta' xogħol b'baġits, fatturi u pagamenti, inkluż il-kalkolu tal-ispejjeż;
- Esperjenza fl-appoġġ għat-titjib u/jew l-iżvilupp ta' linji gwida u proċeduri;
- Għarfien tajjeb ħafna tal-Microsoft Office, speċjalment Excel u l-kapaċità li tanalizza d-*data* u t-tabelli;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonalni:

- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni;
- Ħiliet tajbin ħafna ta' servizz għall-klijenti u l-kapaċità li tinteraġixxi professjonalment mal-livelli kollha tal-persunal;
- Il-kapaċità li taħdem b'mod indipendenti kif ukoll f'tim;
- Il-kapaċità li taħdem taħt pressjoni, b'bosta kompiti u bi skadenzi stretti.
- Ħiliet organizzattivi u ta' soluzzjoni tal-problemi tajbin ħafna;
- Tkun xprunat mill-kwalità, tagħti attenzjoni lid-dettall u tkun kapaċi żżomm standards għoljin ta' preċiżjoni.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tas-selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista mqassra proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tiggarantixx ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidati magħżula se jiġi rreklutati bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjonijiet III**.

L-applikanti għandhom ikunu jafu r-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku tal-ECDC, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliš. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliš, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliš. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliš.